# Siltiet mill-ktieb "Tentuf mill-Memorji" tat-Tabib Lino Gauci Borda

Ħajr lit-tabib Lino Gauci Borda ta' dan il-ktieb li fih ġabra mill-isbaħ ta' memorji ta' dawn l-aħħar 75 sena fuq Fleur de Lys. Is-silta li għażilna tiġbor tifkiriet ta' numru ta' karatri ħelwien li għexu u ħadmu fir-raħal tagħna.

**Il-Fufina**

Sadattant, naħseb li l-iżjed li gawdiet mas-suldati kienet 'il-Fufina', mara mdaħħla fiż-żmien li kellha ħanut żgħir tax-xorb fejn illum hemm l-Uffiċċju tal-Legion of Mary. Peress li kellha xagħarha dejjem imħabbel u *spiky*, meta l-moda tax-xagħar *spiky* kienet għad baqgħalha ħafna snin biex tasal Malta, aħna lil din il-mara konna laqqamniha 'il-Fufina', u dan il-laqam tant qabad sew li ftit jew ħadd ma kien jaf x'kien isimha proprju.

Il-ħanut tagħha ma tantx kienet iżżommu nadif imma r-riħa tal-birra kienet tiġbed lil ħafna suldati lejn il-ħanut, jidħlu dritti, fuq żewġ saqajn u bil-flus fil-but, u joħorġu tard bil-lejl imxenglin jew fuq l-idejn, u bilbwiet vojta jew kważi. Spiss kienu jispiċċaw reqdin fis-sakra fil-parapett ta' quddiem il-ħanut tagħha. Matul il-ġurnata kienu l-Maltin li kienu jmorru jixtru mingħandha, it-tfal xi ftit ħelu u l-kbar xi flixkun birra jew inbid jew xi pakkett tas-sigaretti, Flag jew Senior Service.

Ma kinitx mara li tgħaddi ż-żmien biha, anzi lilna t-tfal kienet twerwirna meta kienet toħroġ għalina għax immorru nilagħbu l-ballun fil-parapett tagħha, u mhux l-ewwel darba li rajnieha taqbad xi suldat minn daharu u titfgħu 'l barra mill-ħanut għax ikun tkessaħ jew siker.

**Anġlu 'l-Iskurdat'**

Fi żmien tfuliti kellna karattri oħra interessanti li bilfors tibqa' tiftakarhom, fosthom Anġlu, sfortunatament imlaqqam minna 'l-Iskurdat'. Kien raġel li qatt ma sirna nafu kif spiċċa jgħix u jiġri fit-toroq ta' Fleur-de-Lys.

Probabbli li kien wasal hawn qabilna. Kien raġel li qatt ma ħadem, qatt ma għex jew raqad b'saqaf fuq rasu u probabbli l-uniku ilma li kien mess ma' ġismu kien dak l-ilma mbierek li kien intefa' fuqu meta ġie mgħammed. B'xagħru twil għax kien ilu s-snin ma jaqtgħu u baffi twal ilaħħqu 'l isfel sa nofs sidru. Kien dejjem jinten pesti u kont tkun taf li ġej għax kont ixxommu mill-bogħod qabel ma stajt tarah.

Sfortunatament, kien ftit nieqes minn moħħu imma qatt ma ttanta jew ta fastidju lil ħadd. Konna aħna t-tfal li konna ntuh fastidju, l-aktar meta sirna nafu li kien jibża' mill-magħmul. L-aktar li kien jirrabja u jiġi jiġri warajna kien meta konna nsemmulu għajnejh. Fil-fatt, l-uniċi partijiet ta' ġismu li kienu nodfa kienu għajnejh, u dan għax kienu jitnaddfu

weħidhom bid-dmugħ. Għajnejh kienu verament sbieħ, b'kulur kannella skur, ftit imqabbżin 'il barra u, meta jkun se jidlam, kienu qishom jiddu. Peress li kulħadd kien iħares, jew anki jiċċassa lejn għajnejh, jidher li Anġlu kien sar konxju li għajnejh kienu sbieħ u, għax kien jibża' li ngħajnuhomlu tgħidx kemm kien jiġri warajna kull meta ngħidulu, "Illillu kemm għandek għajnejk sbieħ, Anġ!" Qatt ma qabad lil ħadd minna imma, li kieku qabad lil xi ħadd żgur li ma kien jagħmillu xejn għax kien raġel qalbu tajba ħafna.

Matul il-ġurnata kont spiss tarah jiġri fit-toroq, iqalleb fil-laned taż-żibel biex jara jekk hemmx xi ħaġa tgħodd għalih. Li jogħġbu kien dlonk jitfgħu fi xkora li dejjem kien iżomm fuq spalltu. Għalkemm hu ma kienx jittallab, in-nies kienet tiġihom ħniena minnu u, għalkemm ma kellhomx wisq x'jagħtu dak iż-żmien, kien hemm min kien jagħtih xi ħaġa talflus, min xi biċċa timpana jew imqarrun il-forn, min xi platt minestra u min xi ħwejjeġ jew żraben li ma jkollux bżonnhom aktar. Xejn ma kien jirrifjuta. L-ikel kien jibilgħu kif kont ittihulu u l-affarijiet l-oħra dritt għal ġol-ixkora ta' fuq spalltu.

Wara snin jgħix u jiġri ma' saqajna, Anġlu f'daqqa waħda sparixxa. Ħadd ma kien jaf x'sar minnu u saħansitra kien hemm xi wħud li marru jfittxuh fil-'bosk', fejn kien ikun l-aktar, u fil-kalkara tal-ġir, fejn kien imur jorqod. Ġranet wara, xi ħadd ġieħ f'rasu li jmur għand il-pulizija u dawn qalulu li xi ħadd minn niesu kien daħħal lil Anġlu fl-Isptar ta' San Vinċenż de Paule (dak iż-żmien magħruf bħala l-Imgieret). Tiskanta, imma ħafna min-nies, l-aktar aħna t-tfal, konna domna biex drajna ngħixu mingħajr dan 'l-anġlu'. Ilkoll kemm aħna konna ntbaħna kemm konna nħobbu lil dan 'l-anġlu tagħna'.

**Karattri oħra fi Fleur-de-Lys**

Kien hemm karattri oħra li għexu fi Fleur-de-Lys li baqgħu mnaqqxa filmemorja tiegħi. Ma kellhom x'jaqsmu xejn maż-żewġ karattri li għadni kif semmejt. Kienu differenti għalkollox, imma xorta baqgħu friski fil-memorja ta' dawk li, bħali, huma mgħobbijin bis-snin li jġorru fuq daharhom.

**Vitorin u oħtha**

Fosthom insibu lil Vitorin u lil oħtha, li ma niftakarx isimha. Kienu żewġ nisa tal-Mużew, dejjem libsin libsa sewda u twila, kważi tmiss malart, u għonnella fuq rashom li qatt ma ħarġu barra mingħajrha. Kienu jgħallmuna d-duttrina f'post terran fi Triq Borg li kien magħruf mhux bħala l-post tal- M.U.S.E.U.M. imma sempliċiment bħala, 'il-Mużew'. Vitorin u oħtha kienu veru nies twajba, dejjem bi tbissima fuq fommhom, u kull meta tkellimhom ma kienx jonqos li d-diskors jaqa' fuq Dun Ġorġ Preca, illum qaddis. Dun Ġorġ tiela' u Dun Ġorġ nieżel! Għalihom Dun Ġorġ kien ġa qaddis u, ngħiduha, ma marrux żmerċ għax fi żmienhom ġa kien fit-triq li wasslitu li jsir l-ewwel qaddis ta' Malta.

Niftakar ix-xalata li konna nagħmlu bl-għonnelli tagħhom meta kienu jillargaw xi ftit. Niftakar żmien il-Milied meta kienu jagħtuna xi grotta, magħmula minn karti tal-gazzetti, mgħaddsa fil-kolla tal-mastrudaxxi u mbagħad imnixxfa, b'xi Bambin żgħir żgħir ġo fiha. U

niftakar l-Għid meta kienu jtuna speċi ta' figolla forma ta' ħuta. Ma tantx kellha sura ta' figolla, anzi iżjed kienet tixbah xi ċappa għaġina misjura fil-forn, b'kemm kemm mili f'nofsha. Sadattant tgħidx kemm konna nifirħu bihom dawn il-figolli u l-grotti u kemm konna mmorru niġru d-dar biex nuruhom lillġenituri tagħna. Veru l-każ li, meta tkun imxennaq minn ħafna affarijiet, tikkuntenta b'kollox.

**Is-Sur Pin**

Kellna wkoll lis-Sur Krispin Sciortino, magħruf aħjar bħala 'is-Sur Pin'. Kien joqgħod f'waħda mill-isbaħ djar ta' Fleur-de-Lys, bieb ma' bieb malħanut tal-ħaddied. Sa ftit żmien ilu, kien baqa' jgħix fiha ibnu Joseph, li ħalliena ftit ilu. Ftit snin wara l-gwerra, flimkien ma' xi wħud minn niesu, is-Sur Pin kien fetaħ fabbrika fil-post fejn illum hemm il-ħanut ta' Mifsud Electricians. Fl-istess waqt akkwista maħzen, fi Triq Fleur-de-Lys ukoll, li llum jintuża bħala ħanut tal-karozzi *second hand.*

Fihom is-Sur Pin beda jipproduċi x-xarba Kitty Kola li, safejn naf jien, kienet l-ewwel xarba tat-tip Cola li kellna f'pajjiżna. Kont issibha f'ħafna ħwienet tax-xorb madwar Malta kollha. Aħna ta' Fleur-de-Lys jew, kif kienu u għadhom isibuna xi wħud, 'tal-Furdulis', kellna l-vantaġġ li konna nistgħu nixtru l-Kitty Kola direttament mill-fabbrika u b'hekk konna niffrankaw xi sold jew tnejn. Ix-xarba baqgħet popolari għal ħafna snin sakemm waslu fi gżiritna il-Kolijiet li nafu llum u li ħadu post il- Kitty Kola. B'riżultat ta' dan is-Sur Pin kien eventwalment għalaq ilfabbrika tiegħu. Għal xi snin it-tifel tiegħu Joseph, kien żamm il-maħzen ta' quddiem il-garaxx u fih beda jipproduċi u jaħzen l-inbid.

**Is-Sur Sciberras - 'ta' Ġandar'**

Konna nsibuh hekk għax il-mara tiegħu kien jisimha Jean d'Arc. Dan l-isem kien tqil wisq għalina u spiċċajna nsejħulha Ġandar. Fiż-żmien li fetħet il-fabbrika tal-Kitty Kola, is-Sur Sciberras kien fetaħ fabbrika oħra f'maħzen fi Trejqa Fleur-de- Lys, din id-darba tal-luminata. Din ilfabbrika kienet tinfed mad-dar fi Fleur-de-Lys li fiha kienet toqgħod il-familja tas-Sur Sciberras. Din id-dar għadha teżisti sal-ġurnata tal-lum u hi d-dar bil-kolonni li hemm faċċata tal-Knisja Parrokkjali. Il-fabbrika nnifisha m'għadiex teżisti ghax fil-bidu tas-sittinijiet twaqqgħet u flokha nbnew numru ta' appartamenti.

Din il-fabbrika wkoll kellha suċċess kbir, sakemm għalqet wara li tfaċċaw fabbriki oħra tal-luminati ferm akbar minnha. Għal xi snin is-Sur Sciberras kellu lit-tifel tiegħu Tony jaħdem miegħu li meta missieru rtira u għalaq il-fabbrika waqqaf kumpanija tiegħu b'ħanut fi Trejqa Fleur-de-Lys u semmiha Shigò. Kien b'hekk li n-nies bdew isibuh bħala x-Shigò aktar milli Tony. Kellu għal qalbu ħafna l-Fleur-de-Lys. Kien ukoll benefattur tal-knisja u għal diversi snin kien ukoll il-president tal-kumitat tal-festa tagħha. Sfortunatament ħalliena f'qasir il-għomor xi ftit tas-snin ilu.

**Is-Sur Portelli 'tax-xorb'**

Fabbrika oħra tax-xorb kienet dik tas-Sur Portelli li kien jisimha Portsons u fiha kien jaħdem

xorb alkoħoliku. Din kienet fl-imħażen li għad hemm fil-kantuniera ta' bejn Triq Fleur-de-Lys u Triq l-Ewwel ta' Mejju. Fuq dawn l-imħażen is-Sur Portelli kien bena dar li fiha kien jgħix hu u l-familja tiegħu. Meta għalqet il-fabbrika, maħżen minnhom beda jintuża minn 'Victor tas-silencers' u dam jaħdem fih għal ħafna snin sakemm irtira mix-xogħol.

**Fabbriki oħra fi Fleur-de-Lys**

Matul is-snin kellna fabbriki oħra fi Fleur-de-Lys. Kellna l-fabbrika ta' La Rosa bl-isem 'La Rosa Hosiery Company Limited', li kienet fil-post fejn illum hemm l-istabbiliment ta' Scotts. Viċin tagħha kien hemm fabbrika oħra – dik tal-ħġieġ tal-familja Licari, bl-isem Ars Vitrea, li kienet għadha hemm sa ftit xhur ilu.

Fil-fabbrika ta' La Rosa kienu jinħadmu kalzetti tan-nylon tan-nisa li, l-parti l-kbira minnhom, kienu jiġu esportati. Meta din il-fabbrika ġiet meħuda band'oħra, postha ħaditu l-fabbrika ta' Peter Blond. F'din kienu jinħadmu diversi tipi ta' ħwejjeġ għall-bejgħ fi swieqi barranin kif ukoll għas-suq lokali.

Forsi l-aktar fabbrika li għamlet suċċess u li kienet ukoll fl-istess inħawi fi Fleur-de-Lys, kienet il-fabbrika ta' Francis Cardona, il-'Cardona Leather Goods Factory'. L-istorja ta' din il-fabbrika jew nistgħu ngħidu, ta' sidha, hi waħda interessanti ħafna. Kif spiċċat il-gwerra, is-Sur Cardona kien sab ruħu jaħdem f'ħanut il-Belt li fih kienu jinħadmu żraben għan-nies tas-Servizzi. Meta tgħallem sew din is-sengħa ddeċieda li jibda jaħdem għal rasu. Fetaħ ħanut fil-Marsa u beda jagħmel basktijiet tal-ġilda. Ma tantx dam hemm għax fil-bidu tal-ħamsinijiet fetaħ fabbrika fejn aktar tard kien hemm il-fabbriki ta' La Rosa u wara ta' Peter Blond.

F'din il fabbrika ġdida tiegħu, minbarra żraben, bdew jinħadmu wkoll basktijiet, bagalji u affarijiet oħra tal-ġilda. Wara ftit taż-żmien, il-fabbrika kienet imqabbda mill-gvern biex tipproduċi żraben speċjali għall-persuni b'xi diżabilità f'saqajhom, l-aktar dawk li kienu ntlaqtu bil-marda talpoljo.

Maż-żmien, il-fama tas-Sur Cardona u l-fabbrika tiegħu nfirxet għall-pajjiżi barranin. Tant hu hekk, li beda jkollu ordnijiet minn barra. Xi wħud minn dawn l-ordnijiet bdew ġejjin minn nies prominenti. Pereżempju, il-kantant Claudio Villa għamel żmien jordna ż-żraben tiegħu għand is-Sur Cardona. Anki Petula Clark, il-kantanta li dak iż-żmien kienet famuża ħafna, ordnat żarbun mingħand Cardona.

Fl-1953, fl-okkażjoni tal-inkoronazzjoni tagħha, is-Sur Cardona ppreżenta basket tal-idejn u par żarbun lir-Reġina Eliżabetta t-Tieni. Mhux magħruf jekk ir-reġina użathomx imma żgur li kienu ngħoġbu għax ġew esebiti fil-British Industries Fair f'Londra waqt iċċelebrazzjonijiet li saru waqt l-inkoronazzjoni. Ma nistgħux inkunu nafu jekk ir-reġina qattx libset iżżarbun imma ftit hemm dubju li xi darba jew oħra l-basket żgur użatu, għax ngħid għalija lir-reġina qatt ma rajnieha fil-pubbliku mingħajr handbag imdendel ma' dirgħajha, tkun xi tkun l-okkażjoni.

Fl-1962, il-bagalja tal-baġit ta' Malta nħadmet mis-Sur Cardona u fit-3 ta' Frar tal- 1971, meta Malta lagħbet kontra l-Ingilterra f'logħba futbol tat-Tazza tan-Nazzjonijiet, iż-żraben li libsu l-players Maltin kienu wkoll maħdumin mill-istess Sur Cardona.

Tajjeb ngħidu li dak iż-żmien ftit kienu jiġu impurtati żraben lesti minn barra. In-nies kienu jippreferu jmorru għand 'Cardona taż-żraben'. Kont tgħidilhom x'żarbun għandek bżonn, joħdulek il-qies ta' saqajk, jagħmlu l-forma u ftit granet wara tmur tiġbor iż-żarbun. Apparti li kont teħles b'irħas milli kieku kont tixtri 'żarbun ta' barra', kien hemm ukoll ilvantaġġ li nies, li jkollhom xi problemi f'saqajhom, 'ta' Cardona' kienu jagħmlulhom par żarbun addattat għalihom. Ngħid għalija allaħares ma kienx hemm huma għax dak iż-żmien ma kontx issib tixtri żraben kbar 'ta' barra' u saqajja minn dejjem kienu kbar qishom pala tal-bajtar, jew kif jgħiduli llum, qishom flippers. Fil-fatt meta din il-fabbrika ġiet ittrasferita għal Ħal Balzan xorta bqajt immur għandhom għal diversi snin.

Fost fabbriki oħra li kellna fi Fleur-de-lys, kien hemm il-fabbrika 'ta' Johnnie' li kien jaħdem il-madum, bi stil antik u ddisinjat b'ħafna kuluri. Din il-fabbrika kienet f'maħżen żewġ bibien 'il fuq mill-garaxx 'tal-Gundalla'. Dan il-madum għadek issibu f'ħafna djar li nbnew fi Fleur-de-Lys u għadu sal-lum imfittex ħafna minn dawk li jkunu jridu jsebbħu l-art taddjar tagħhom. dan il-madum fi djarhom u qalgħuh u rmewh biex floku għamlu madum tal-mużajk. Illum il-ġurnata madum bħal dan sar imfittex ħafna u jiswa kemxa flus ġmielha.

Ħaġa tal-iskantament li, f'post żgħir bħal ma kien u għadu Fleur-de-Lys, matul is-snin, kellna tliet fabbriki oħra kollha tal-irħam. Waħda kienet 'ta' Bonavia', quddiem il-Parroċċa. Fi żmien il-gwerra ngħalqet u għal xi żmien, qabel inbniet il-knisja, serviet ta' kappella u issa sservi bħala garaxx għas-sorijiet Agostinjani.

Il-fabbrika l-oħra kienet tas-Sur Sammut, li kienet fil-kantuniera ta' Triq Borg ma' Triq Fleur-de-Lys. Aktar tard ġiet ittrasferita iżjed 'l isfel fi Triq Borg, fejn għadha sal-lum u flokha hemm il-ħanut tas-salami Stuzzico.

Aktar tard tfaċċat fabbrika oħra tal-irħam, dik ta' Micallef, li kienet sa ftit zmien ilu fi Triq Fleur-de-Lys quddiem Triq Sant'Antnin.

**Il-Pulizija tixtieq tavża li Ħadd ma jista' jħalli l-karozzi pparkjati fit-toroq minn fejn ser tgħaddi l-Purċissjoni.**

**Dawk il-karozzi li ma jitneħħewx jiġu TTOWJATI għall-spejjeż tas-sidien**